**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XXVII**
**Appell Nru: 157/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo)**

**Vs**

**KHALED YUSSEF M. LAMLUM**

**Illum, 9 ta'Marzu, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Khaled Yussef M. Lamlum talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-6 ta'Frar, 1998, u matul ix-xhur ta'qabel, ircieva passaporti li gew trasferiti lilu minn persuna ohra.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fit-12 ta'Gunju, 2000, li biha sabitu hati ta' din l-akkuza, u, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien sentejn mid-data tas-sentenza taghha, kif ukoll ordnat il-konfiska tal-passaporti esebiti.
Rat ir-rikors t'appell ta'Khaled Yussef M. Lamlum datat 21 ta'Gunju, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, u tilliberah minn kull htija w piena.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Ir-reat dedott kontra l-appellant huwa dak kontemplat fl-Artikolu 3 (b) ta' l-Ordinanza Dwar il-Passaporti, cioe', il-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta'Malta. Dan ir-reat jikkonsisti fis-semplici fatt li wiehed " **jircievi passaport li jigi trasferit lilu minn persuna ohra**." Din mhiex xi kwistjoni ta' mens rea, kif qed jissottometti l-appellant. Jigifieri, il-fatt biss li wiehed jircievi l-passaport minghand persuna ohra, ghal kwalunkwe raguni, minghajr ma jkun awtorizzat skond il-ligi biex jaghmel hekk, jikkostitwixxi dan ir-reat li bih huwa akkuzat l-appellant. Ovvjament dan it-trasferiment ta' xi passaport minn persuna ghal ohra, minghajr ebda forma ta' awtorizzazzjoni skond il-ligi, irid jigi ppruvat mill-provi li tressaq il-prosekuzzjoni. Din l-interpretazzjoni stretta ta' dan l-Artikolu msemmi hija dik li gja' inghatat minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-*Appell Kriminali 166/1994, fl-ismijiet 'Il-Pulizija –vs- Generoso Sammut', deciz*

*fit-13 ta'Marzu, 1998*, u f'iehor kif presjedut minnha, *Appell Kriminali 334/1999, fl-ismijiet 'Il-Pulizija –vs- Albert Laferla', deciz 9 ta'April, 1998.*

Issa fil-kaz prezenti ma hemm l-ebda dubju li l-appellant kien ircieva minghand haddiehor passaporti ta'terzi minghajr xi forma ta' awtorizzazzjoni skond il-ligi. Huwa l-appellant stess li jammetti dan il-fatt, ghalkemm hu offra spjegazzjoni ghaliha. Izda fil-fehma ta' l-ewwel Qorti, u din il-Qorti taqbel maghha, tali spjegazzjoni ma kienetx sufficjenti sabiex tezonerah minn kull responsabbilta' ai termini tal-kwotat Artikolu tal-Kap. 61.

Ghall-motivi premessi, ghalhekk, din il-Qorti qed tichad l-appell ta' Khaled Yussef M. Lamlum u tikkonferma s-sentenza appellat fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur